MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1332/1999/1

**Avviz Nru 1332/99 - DM**

**Elmo Insurance Services Limited in rappresentanza tas-socjeta estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Peter Borg u b'nota tas-6 ta' Marzu 2000 Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Peter Borg, assumiet l-atti minflok is-Socjeta Elmo Insurance Services Limited**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi nomine talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' hames mija tnejn u hamsin lira wiehed u sebghin centezmu (Lm552.71c) bhala danni mill-konvenut kagunati u minnha sbursati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fil-Hamrun fid-9 ta' Settembru 1998 meta, waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru KAQ 259, habat mal-vettura Nru EAA 941 proprjeta' ta' Peter Borg u misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1998 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri fejn eccepixxa illi:-

1 L-incident tat-traffiku li sehh fid-9 ta' Settembru 1998 fil-Hamrun waqt li l-assikurat tal-konvenut, Peter Borg, kien qed isuq il-vettura numru EAA 941, ma garax tort u htija tal-eccipjenti u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-23 ta' Mejju 2001 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara illi huwa qed jikkontesta biss ir-responsabbilta u mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat illi:-

Ghalkemm il-kontendenti jaqblu illi fil-hin tal-allegat incident Peter Borg, l-assikurat mal-kumpanija attrici kien qed isuq fit-triq principali u li l-konvenut Joseph Camilleri hareg minn triq laterali fuq il-lemin tieghu biex ha postu quddiem Borg fit-triq principali, il-kontendenti ma jaqblux dwar il-mod li bih l-konvenut kien hareg minn triq laterali u ha postu fit-triq principali.

Fil-waqt illi Peter Borg u marthu Agnes Borg isosstnu illi l-konvenut hareg f'daqqa, b'velocita' ezagerata ghal tali manuvra biex b'hekk issorprenda lil Peter Borg li kellu ghalhekk jiehu azzjoni evaziva li gieghelithu jahbat ma 'barriers' fuq ix-xellug tieghu, Joseph Camilleri, ikkorroborat minn Carmen Bartolo li kienet rikba mieghu dak in-nhar, issostni illi esplora sew it-triq principali qabel ma hareg u kien ha posthu sew fit-triq principali meta sema' xi brejkijiet warajh.

Billi ma jirrizulta xejn illi ghandhu jitfa xi dubbju fuq l-allegazzjoni tal-assigurat tal-atturi li effettivament kien habat mal-'barriers' fuq ix-xellug tat-triq tieghu, il-Qorti trid tezamina z-zewg verzjonijiet sabiex taghzel dik li hija iktar affidabbli fic-cirkostanzi tal-kaz u tikkonkludi jekk il-habta kienetx tort ta' xi disattenzjoni tal-istess Peter Borg, li ssorprenda ruhu bil-konvenut quddiemu, jew jekk il-hsara kienetx ikkawzata bil-manuvra imprudenti tal-konvenut illi hareg fit-triq principali minghajr id-debita esplorazzjoni u fixkel lil Peter Borg b'manuvra imprudenti.

Billi l-unika xhud indipendenti hija Carmen Bartolo, passigiera mal-konvenut u din iddikjarat b'mod konfidenti illi l-manuvra tal-konvenut kienet wahda prudenti u li kien hareg fit-triq principali wara li esplora sew it-triq, kif del resto kienet ghamlet hi wkoll, il-Qorti ssib li ma tistax tikkonkludi illi l-atturi waslu ghal prova minnhom rikjesta biex taghmel il-verzjoni ta' Peter Borg iktar affidabbli minn dik tal-konvenut.

Ghaldaqstant tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep RegCiv 45